SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

20 ta' Novembru 2008 *

Fil-Kawża C-1/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mil-Landgericht Siegen (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2006, li waslet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Jannar 2007, fil-kuntest tal-proċeduri kriminali kontra

Frank Weber,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas (Relatur), President tal-Awla, J. Klučka, U. Lõhmus, P. Lindh u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Grass,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal F. Weber, minn W. Säftel, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn G. Braun u N. Yerrell, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 237, p. 1), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003 (ĠU L 284, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/439").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra F. Weber għaliex fis-6 ta' Jannar 2006 saq karozza fit-territorju Ġermaniż mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan meħtieġa għal dan il-għan.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Skont l-ewwel premessa tad-Direttiva 91/439:

"[…] għall-għan tal-politika komuni tat-trasport, u bħala kontribuzzjoni sabiex titjieb is-sigurtà tat-traffiku fit-toroq, kif ukoll sabiex jeħfief il-moviment tan-nies li jmorru joqogħdu fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikunu għaddew minn test tas-sewqan, jixraq illi għandu jkun hemm mudell Komunitarju tal-liċenzja tas-sewqan nazzjonali li tkun rikonoxxuta reċiprokament mill-Istati Membri mingħajr l-ebda obbligu li jiġu mibdula l-liċenzji".

4 Ir-raba' premessa ta' din id-direttiva tipprovdi:

"[…] għar-raġunijiet tas-sigurtà fuq it-triq, għandhom jiġu stabbiliti l-ħtiġiet minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan".

5 L-aħħar premessa tad-Direttiva 91/439 tipprovdi:

"[…] għar-raġunijiet konnessi mas-sigurtà fuq it-triq u mat-traffiku, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi li japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom meta jirtiraw, jissospendu u jikkanċellaw il-liċenzji tas-sewqan lill-possessuri kollha ta' liċenzja tas-sewqan wara li jkun kisbu r-residenza normali fit-territorju tagħhom".

6 L-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom ikunu rrikonoxxuti reċiprokament."

7 L-Artikolu 7(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/439 jissuġġetta l-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan għall-kundizzjonijiet segwenti:

"a) li jkunu għaddew mit-test tal-ħiliet u l-imġiba u test tat-teorija u li jilħqu l-istandards mediċi, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi II u III;

b) li għandhom ir-residenza normali tagħhom fit-territorju ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, jew jistgħu jipproduċu xhieda illi kienu ilhom jistudjaw fih għal mill-inqas sitt xhur."

8 Skont l-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 91/439:

"L-ebda persuna ma jista' jkollha liċenzja tas-sewqan minn iktar minn Stat Membru wieħed."

9 L-Artikolu 8(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4), ta' din id-direttiva jipprovdu:

"2. Bla ħsara għat-tħaris tal-prinċipju tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali u tal-pulizija, l-Istati Membri tar-residenza normali jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew it-tħassir tad-dritt tas-sewqan fuq il-possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u, jekk meħtieġ, jibdlu l-liċenzja b'dan il-għan.

[…]

4. Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' kull liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor lill-persuna li tkun, fit-territorju ta' l-Istat ta' qabel, bla ħsara [suġġetta] għal waħda mill-miżuri riferiti fil-paragrafu 2."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

10 L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq (Straßenverkehrsgesetz), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (BGBl. 2006 I, p. 1958, iktar 'il quddiem is-"StVG"), jipprovdi:

"1. Jekk persuna ma tkunx kapaċi ssuq vettura, l-awtorità responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan hija obbligata tirtiralha l-liċenzja. Fil-każ ta' liċenzja tas-sewqan barranija, l-irtirar — għalkemm isir fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet oħrajn — ikun ekwivalenti għal telf tad-dritt li l-liċenzja tas-sewqan tintuża fil-Ġermanja. L-Artikolu 2 (7) u (8) japplika *mutatis mutandis*.

2. L-awtorizzazzjoni tas-sewqan tiskadi mal-irtirar tal-liċenzja. Fil-każ ta' liċenzja tas-sewqan barranija, l-irtirar jittermina d-dritt tas-sewqan fit-territorju nazzjonali […]"

11 L-Artikolu 21(1) tas-StVG jipprovdi:

"(1) Huwa punibbli b'piena ta' priġunerija sa sena jew ta' multa, kull min

1. isuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan meħtieġa għal dan il-għan jew li jkun ġie pprojbit milli jsuq vettura skont l-Artikolu 44 tal-kodiċi kriminali jew l-Artikolu 25 tal-liġi preżenti."

12 Skont l-Artikolu 28(1), (4) u (5) tar-Regolament dwar l-aċċess ta' persuni għas-sewqan fit-toroq (regolament dwar il-liċenzji tas-sewqan) [Verordnung über die Zulassung von Personen zum Straßenverkehr (Fahrerlaubnis-Verordnung], tat-18 ta' Awwissu 1998 (BGBl. 1998 I, p. 2214, iktar 'il quddiem il-"FeV"), fil-verżjoni tiegħu li jirriżulta mir-Regolament tal-14 ta' Ġunju 2006 (BGBl. 2006 I, p. 1329):

"(1) Il-possessuri ta' liċenzja tas-sewqan valida tal-[Unjoni Ewropea] jew taż-[Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem iż-'ŻEE')] li jkollhom ir-residenza normali tagħhom fis-sens tal-Artikolu 7(1) jew (2) fil-Ġermanja huma awtorizzati — mingħajr ħsara għar-restrizzjoni prevista fil-paragrafi 2 sa 4 — isuqu vetturi f'dan il-pajjiż fil-limitu tad-drittijiet li huma għandhom. Il-kundizzjonijiet marbuta mal-liċenzji tas-sewqan ta' pajjiżi oħra huma rrispettati wkoll fil-Ġermanja. Għajr dispożizzjonijiet kuntrarji, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw għal dawn il-liċenzji tas-sewqan.

[…]

(4) L-awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-possessuri ta' liċenzja tas-sewqan tal-[Unjoni] jew taż-ŻEE,

[…]

3. li l-liċenzja tas-sewqan tagħhom tkun ġiet suġġetta, fil-Ġermanja, għal miżura ta' rtirar provviżorju jew definittiv minn qorti, jew għal miżura ta' rtirar eżegwibbli b'mod immedjat jew definittiv meħuda minn awtorità amministrattiva, li l-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet miċħuda lilhom b'deċiżjoni definittiva jew li l-liċenzja tas-sewqan tagħhom ma tkunx ġiet irtirata biss minħabba li jkunu rrinunzjaw għaliha fil-frattemp, […]

[…]

(5) Id-dritt tal-użu ta' liċenzja tas-sewqan tal-[Unjoni] jew taż-ŻEE fil-Ġermanja wara li tittieħed waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti 3 u 4 tal-paragrafu 4, jingħata, wara li tkun saret applikazzjoni għalih, meta r-raġunijiet li jkunu ġġustifikaw l-irtirar ta' jew il-projbizzjoni li ssir applikazzjoni għad-dritt tas-sewqan ma jkunux għadhom eżistenti. […]"

13 L-Artikolu 46(1) tal-FeV jipprovdi:

"L-awtorità maħtura sabiex toħroġ il-liċenzja tas-sewqan għandha tirtira d-dritt tas-sewqan jekk jirriżulta li l-possessur ta' liċenzja tas-sewqan m'għandux il-kapaċità li jsuq vetturi. Dan japplika b'mod partikolari fil-każ ta' mard jew inkapaċità skont l-Annessi 4, 5 u 6, jew fil-każ ta' ksur serju jew ripetut ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw it-traffiku fit-toroq jew tal-liġi kriminali, li jeskludu l-ħila tas-sewqan ta' vettura."

14 L-Artikolu 46(5) tal-FeV jipprovdi:

"L-awtorizzazzjoni tas-sewqan tiskadi mal-irtirar tal-liċenzja. Fil-każ ta' liċenzja tas-sewqan barranija, l-irtirar tittermina d-dritt tas-sewqan fit-territorju nazzjonali."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

15 Fit-18 ta' Settembru 2004, ġie kkonstatat li F. Weber, ċittadin Ġermaniż residenti l-Ġermanja, kien qed isuq karozza taħt l-effett ta' sustanzi intossikanti (kannabis u amfetamini). Dan ir-reat ġie ppenalizzat permezz ta' multa kif ukoll permezz ta' sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu għal terminu ta' xahar, permezz ta' deċiżjoni amministrattiva tal-Kreis Siegen-Wittgenstein tas-17 ta' Novembru 2004, li saret definittiva fl-4 ta' Diċembru 2004.

16 Fit-18 ta' Novembru 2004, F. Weber kiseb mill-awtoritajiet tal-muniċipalità ta' Karlovy Vary (Repubblika Ċeka), il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan tal-vetturi tal-kategoriji A1, A, B u AM, b'validità ta' għaxar snin. Il-liċenzja kienet tindika d-data li fiha kien sar l-eżami tas-sewqan, f'dan il-każ is-16 ta' Novembru 2004.

17 Fis-7 ta' Jannar 2005, F. Weber ġie infurmat permezz ta' ittra tal-Ordnungsamt tal-Kreis Siegen-Wittgenstein li, fid-dawl tar-reat li seħħ fit-18 ta' Settembru 2004, infetħet proċedura sabiex tiġi vverifikata l-ħila tiegħu li jsuq. Fix-xahar ta' Frar 2005, F. Weber iddepożita l-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu mal-awtoritajiet amministrattivi.

18 B'deċiżjoni tas-17 ta' Marzu 2005, li saret definittiva fis-6 ta' April segwenti, l-Ordnungsamt tal-Kreis Siegen-Wittgenstein irtirat, skont l-Artikoli 3(1) tas-StVG, u 46(1) tal-FeV, il-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża ta' F. Weber, irtirar li ttermina d-dritt tiegħu li jsuq il-karozzi fil-Ġermanja skont l-Artikolu 3(2) tas-StVG, u tat-tieni sentenza tal-Artikolu 46(5) tal-FeV.

19 B'sentenza tal-Amtsgericht Siegen tat-22 ta' Awwissu 2006, F. Weber instab ħati, fuq il-bażi tal-Artikolu 21 tas-StVG ta' sewqan ta' karozza mingħajr liċenzja tas-sewqan, reat li kien ġie kkonstatat waqt kontroll tal-pulizija li seħħ fis-6 ta' Jannar 2006.

20 F. Weber appella minn din is-sentenza quddiem il-Landgericht Siegen, sabiex jikseb liberazzjoni mill-akkuża għar-raġuni li, peress li huwa kellu liċenzja tas-sewqan Ċeka, huwa kellu d-dritt li jkompli jsuq il-karozzi skont il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa fl-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/439.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Siegen iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-Direttiva [91/439] — Artikolu 1(2) flimkien mal-Artikolu 8(2) u (4) — għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprojbixxi li Stat Membru ma jirrikonoxxix fit-territorju tiegħu d-dritt ta' sewqan eżerċitat b'mod konformi ma' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u, b'hekk, li jiċħad il-validità tal-imsemmija liċenzja minħabba li fl-ewwel Stat Membru l-awtorizzazzjoni li jsuq ġiet irtirata mingħand id-detentur tal-imsemmija liċenzja wara li ngħata fi Stat Membru ieħor l-hekk imsejħa 'tieni' liċenzja tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea […], jekk l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan kien ibbażat fuq inċident/aġir kolpuż li seħħ qabel il-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan mill-Istat Membru l-ieħor?"

Fuq id-domanda preliminari

22 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 1(2) u 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprojbixxu li Stat Membru jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt ta' sewqan li jirriżulta minn liċenzja maħruġa minn Stat Membru ieħor, u b'hekk il-validità ta' din il-liċenzja, meta d-detentur tagħha jkun suġġett, fl-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan adottata wara d-data tal-ħruġ tal-imsemmija liċenzja, iżda li tippenalizza reat kkonstatat qabel din id-data.

23 F. Weber prinċipalment isostni, billi jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (digrieti tas-6 ta' April 2006, Halbritter, C-227/05, u tat-28 ta' Settembru 2006, Kremer, C-340/05), li Stat Membru jista', jekk meħtieġ, jirrifjuta li jirrikonoxxi l-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor biss fir-rigward ta' aġir li jkun seħħ wara dan il-ħruġ.

24 Il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej min-naħa l-oħra jikkunsidraw li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, Stat Membru għandu d-dritt li jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, anki meta dan ir-rifjut ikun motivat minn aġir li jkun seħħ qabel id-data tal-ħruġ tal-imsemmija liċenzja.

25 Il-Gvern Portugiż jikkunsidra li l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 għandu speċifikament bħala għan li jipprevjeni r-riskji li jirriżultaw mill-aġir ta' persuni li, peress li jkunu suġġetti għal miżura ta' sospensjoni temporanja tal-liċenzja tas-sewqan tagħhom fi Stat Membru, imorru fi Stat Membru ieħor sabiex jiksbu t-tieni liċenzja tas-sewqan, filwaqt li jkunu għaddejjin minn proċeduri ta' verifika tal-ħila tagħhom li jsuqu li jistgħu jwasslu għall-irtirar tad-dritt tas-sewqan.

26 Għandu jiġi mfakkar li l-prinċipju ġenerali tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri, imsemmi fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/439, ġie stabbilit partikolarment sabiex jiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni ta' persuni li jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih ikunu għaddew minn eżami tas-sewqan (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Kapper, C-476/01, Ġabra p. I-5205, punt 71; tas-26 ta' Ġunju 2008, Wiedemann u Funk, C-329/06 u C-343/06, Ġabra p. I-4635, punt 49, kif ukoll Zerche *et*, C-334/06 sa C-336/06, Ġabra p. I-4691, punt 46).

27 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-imsemmi Artikolu 1(2) jipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, ta' liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni timponi fuq l-Istati Membri obbligu ċar u preċiż, li ma jħalli ebda marġini ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-miżuri li għandhom jiġu adottati għat-twettiq tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1998, Awoyemi, C-230/97, Ġabra p. I-6781, punti 41 u 42; sentenzi ċċitati Kapper, punt 45; Wiedemann u Funk, punt 50, kif ukoll Zerche *et*, punt 47).

28 Madankollu, l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 jippermetti lill-Istati Membri, f'ċerti ċirkustanzi u b'mod partikolari għal raġunijiet ta' sigurtà taċ-ċirkulazzjoni fit-toroq, li japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar u t-ħassir tal-liċenzja tas-sewqan fir-rigward ta' kull possessur ta' liċenzja li għandu r-residenza normali tiegħu fit-territorju tagħhom u li jirrifjutaw li jirrikonoxxu, fir-rigward ta' persuna li tkun suġġetta, f'dan it-territorju, għal waħda minn dawn il-miżuri, il-validità ta' kwalunkwe liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor.

29 Il-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward fakkret kemm-il darba li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 91/439 jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju ġenerali tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan u, minħabba f'hekk, għandu jingħata interpretazzjoni restrittiva (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati Wiedemann u Funk, punt 60, kif ukoll Zerche *et*, punt 57).

30 Mid-dettalji mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li fid-data li fiha F. Weber kiseb il-liċenzja tas-sewqan Ċeka tiegħu, jiġifieri t-18 ta' Novembru 2004, huwa kien suġġett għal miżura ta' sospensjoni temporanja tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu, li ġiet ordnata fis-17 ta' Novembru 2004 għal terminu ta' xahar u li saret definittiva fl-4 ta' Diċembru 2004. Wara li kien kiseb il-liċenzja tas-sewqan Ċeka, huwa kien ġie suġġett, fis-17 ta' Marzu 2005, għal miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan. Barra minn hekk, huwa paċifiku li l-fatti li jiġġustifikaw kemm il-miżura ta' sospensjoni temporanja kif ukoll il-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan ta' F. Weber ġew stabbiliti fit-18 ta' Settembru 2004, jiġifieri qabel id-data tal-ħruġ tal-imsemmija liċenzja tas-sewqan Ċeka.

31 Ma jistax jiġi kkunsidrat li d-Direttiva 91/439 timponi obbligu li tiġi rikonoxxuta l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa f'ċirkustanzi bħal dawn.

32 Il-Qorti tal-Ġustizzja ċertament kellha l-okkażjoni tiddeċiedi li Stat Membru jista' jeżerċita s-setgħa mogħtija lilu mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/439 li japplika fil-konfront tad-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor id-dispożizzjonijiet tiegħu stess dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan, b'mod partikolari, biss minħabba l-aġir tal-imsemmi detentur wara l-ħruġ ta' din il-liċenzja (ara s-sentenzi ċċitati Wiedemann u Funk, punt 59, kif ukoll Zerche *et*, punt 56; id-digrieti ċċitati Halbritter, punt 38, u Kremer, punt 35).

33 Madankollu, il-miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan imposta fuq il-parti kkonċernata fil-kawża li wasslet għad-digriet Kremer, iċċitat, ma kinitx tinkludi miżura ta' projbizzjoni milli tinkiseb liċenzja ġdida. Fil-kawżi li wasslu għall-deċiżjonijiet l-oħra msemmija fil-punt preċedenti, il-miżuri ta' projbizzjoni temporanja milli tinkiseb liċenzja ġdida li kienu ġew ordnati flimkien mal-miżuri ta' rtirar kienu waslu kollha fi tmiem fid-data tal-ħruġ tal-liċenzja.

34 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista' juża s-setgħa mogħtija mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/439 biss minħabba aġir tal-parti kkonċernata wara l-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tistax tippermetti lil Stat Membru ta' residenza abitwali li jirrifjuta li jirrikonoxxi l-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor għar-raġuni biss li preċedentement kienet ġiet irtirata l-liċenzja preċedenti tad-detentur fl-ewwel Stat Membru (sentenzi ċċitati Wiedemann u Funk, punt 66, kif ukoll Zerche *et*, punt 63).

35 Is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija differenti għal kollox. Minn naħa, F. Weber kien suġġett, meta kiseb il-liċenzja tas-sewqan Ċeka tiegħu, għal miżura adottata mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi ta' sospensjoni temporanja tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu. Min-naħa l-oħra, wara l-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan Ċeka tiegħu, ittieħdet minflokha, miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan li tipenalizza l-istess fatti bħal dawk li kienu ġġustifikaw l-istess miżura ta' sospensjoni temporanja.

36 F'sitwazzjoni bħal din, is-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll tal-qrati ta' Stat Membru li jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-validità ta' liċenzja tas-sewqan miksuba, fi Stat Membru ieħor, minn persuna li hija suġġetta għal miżura ta' sospensjoni temporanja tal-liċenzja tas-sewqan tagħha fl-ewwel Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/439, u b'mod partikolari tal-Artikolu 8(4) tagħha, b'mod assolut u definittiv meta l-miżura ta' sospensjoni temporanja hija segwita minn miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan li tippenalizza l-istess fatti (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-3 ta' Lulju 2008, Möginger, C-225/07, punt 41). Il-fatt li l-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan hija ordnata wara d-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan il-ġdida huwa f'dan ir-rigward irrilevanti, peress li l-motivi li jiġġustifikaw miżura bħal din kienu jeżistu f'din id-data (ara, *a contrario*, is-sentenza Kapper, iċċitata, punt 74).

37 Kull interpretazzjoni oħra tneħħi l-effettività tas-setgħa ta' Stat Membru, prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 91/439, li jirrifjuta li jirrikonoxxi

l-validità ta' liċenzja tas-sewqan miksuba fi Stat Membru ieħor minn persuna li hija suġġetta, fit-territorju tiegħu, għal miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan.

38 Fil-fatt, hekk kif sostna l-Avukat Ġenerali fil-punt 42 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu seħħ reat huwa l-uniku li għandu l-kompetenza li jippenalizza r-reat billi, jekk meħtieġ, jieħu miżura ta' rtirar tal-liċenzja tas-sewqan jew ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan, flimkien jew le ma' perijodu ta' projbizzjoni li tintalab liċenzja ġdida.

39 Issa, li kieku jiġi impost fuq Stat Membru l-obbligu li jirrikonoxxi l-validità tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor għar-raġuni li d-detentur ta' din il-liċenzja ma wettaq l-ebda reat fit-territorju tal-ewwel Stat Membru wara dan il-ħruġ, meta huwa suġġett għal miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan li tkun għadha valida u li tkun iġġustifikata minn fatti preċedenti għal dan il-ħruġ, dan iwassal biex iħeġġeġ lill-awturi ta' reati li jistgħu jkunu suġġetti għal miżura bħal din ta' rtirar biex minnufih imorru fi Stat Membru ieħor sabiex jiġu eliminati l-konsegwenzi amministrattivi jew kriminali tal-imsemmija reati u finalment ixejjen il-fiduċja li fuqha hija bbażata s-sistema ta' rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan.

40 Minbarra dan, hekk kif enfasizzat il-Kummissjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, ir-rikonoxximent, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa favur F. Weber mill-awtoritajiet Ċeki, filwaqt li dan tal-aħħar kien fid-data tal-ħruġ ta' din il-liċenzja, għadu detentur ta' liċenzja tas-sewqan Ġermaniża, imur kontra kemm l-għan tad-Direttiva 91/439 kif ukoll dak ipprovdut fl-Artikolu 7(5) tagħha fis-sens li, persuna ma jistax ikollha liċenzja tas-sewqan minn iktar minn Stat Membru wieħed.

41 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hi li l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprojbixxux li Stat Membru jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor favur persuna li hija suġġetta, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan, anki jekk dan l-irtirar ġie ordnat wara l-ħruġ tal-

imsemmija liċenzja, peress li din tal-aħħar inkisbet matul il-perijodu ta' validità ta' miżura ta' sospensjoni tal-liċenzja maħruġa fl-ewwel Stat Membru u peress li kemm din kif ukoll l-imsemmija miżura ta' rtirar huma ġustifikati minn motivi eżistenti fid-data tal-ħruġ tat-tieni liċenzja tas-sewqan.

Fuq l-ispejjeż

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprojbixxux li Stat Membru jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor favur persuna li hija suġġetta, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan, anki jekk dan l-irtirar ġie ordnat wara l-ħruġ tal-imsemmija liċenzja, peress li din tal-aħħar inkisbet matul il-perijodu ta' validità ta' miżura ta' sospensjoni tal-liċenzja maħruġa fl-ewwel Stat Membru u peress li kemm din kif ukoll l-imsemmija miżura ta' rtirar huma ġustifikati minn motivi eżistenti fid-data tal-ħruġ tat-tieni liċenzja tas-sewqan.

Firem